# Limerikki (ii)

**423.**

Kien hemm darba raġel f'Ħal Gamar,
li kellu ras kbira bħall-qamar,
ras kbira mimlija
b'miljun elf ħmerija,
mhux vojta jew niexfa bħall-qamar.

**424.**

Kien hemm darba xiħ min-Nadur
li wiret turrun mogħla sur
ta' platti mis-sbieħ,
l-imsejken ta' xiħ
kien jiekol ġo taġen miksur.

**425.**

Kien hemm darba raġel Bir Bal,
li ntiżen mal-mara u t-tfal,
u qnatar tletin
ta' laħam tas-smin
immarka l-miżien ta' Bir Bal.

**426.**

Kien hemm darba mara minn Sfaqes
tiggosta li ttella' lill-qtates
fuq rasha u spallejha,
idejha u koxxtejha,
u tkun barumbara tal-qtates.

**427.**

Kien hemm darba raġel f'Għajn Tuta,
kien oħxon u tond bħal kaputa,
kaputa bl-idejn
bir-ras u r-riġlejn
fis-sakra mat-toroq t'Għajn Tuta.

**428.**

Kien hemm darba raġel f'Għajn Żnokka
ma' tuta dendluh mill-parrokka;
hi baqgħet marbuta,
hu qabeż mit-tuta;
xi ħlewwa li tilbes parrokka!

**429.**

Kien hemm darba raġel f'Għajn Bomblu,
kien oħxon u tond qisu romblu,
u spiċċa impjegat
jirrombla t-triqat,
jitħallas ta' drajver u romblu.